# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 31 ta' Mejju 2022**

**Kawza Numru: 23**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 900/21 JVC**

**Claire Agius (KI numru 141781M) kemm f'isimha u kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' binha minuri Mikhail Delia**

**vs**

**Clayton Delia (KI 4535852M) u Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Claire Agius kemm f'isimha u kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' binha minuri Mikhail Delia kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1) 'Illi r-rikorrenti kellha relazzjoni mal-konvenut mill liema relazzjoni twieldet tarbija wahda illi nghatat l-isem ta' Mikhail Delia nhar it-tnax (12) ta' Jannar 2017 liema certifikat qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Doc A.

2) Illi din ir-relazzjoni ma damitx tul ta zmien u dan ghal ragunijiet imputabbli unikament ghal-konvenut.

3) Illi l-konvenut naqas drastikament mill-obbligi tieghu vis a vis il-minuri specjalment fejn jidhlu access u manteniment kif ukol spejjez tal-edukazzjoni u s-sahha.

4) Illi fl-Att tat-twelid kif irregistrat fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku jindika kunjom il-minuri bhala Delia, kien hekk u ghadu sal lum l-istess.

5) Illi l-minuri kien minn dejjem maghruf bil-kunjom Delia u appena l-missier ipproceda b'ittra ufficcjali skond il-procedura kif kontemplata fl-Artikolu 86 tal-Kodici Civili sabiex il-minuri jigi rikonoxxut minnhu u jassumi kunjomu l-attrici marret ghand difensur legali u nghatat il-parir sabiex tirrispondi b'korrispondenza elettronika fejn m'oggezzjonatx izda zammet id-dritt taghha illi zzomm kunjomha l-ewwel u zzid kunjom il-missier wara taghha.

6) Illi l-missier ma rrispondix ghal din it-talba u ghalhekk ipproceda b'kawza ta' filjazzjoni meta l-omm qatt ma eskluditu li jigi rikonoxxut minnu.

7) Illi l-attrici marret mal-ewwel ghand l-avukat difensur taghha ta′ dak iz-zmien u talbet sabiex tirrispondi ghal kawza ta′ filjazzjoni izda hawnhekk minghajr ma kienet taf l-attrici r-risposta da parte tal-avukat difensur giet ipprezentata tardivament u l-attrici waqghet kontumacja u regghet ma kelliex l-opportunita sabiex titlob ghal kunjomha wara tal-minuri.

8) Illi l-minuri kien mill-bidu nett maghruf bhala Mikhail Delia anke ma shabu fic-child care u anke gewwa l-iskola minfejn qieghed jircievi l-edukazzjoni primarja.

9) Illi anke ghal fehma tal-minuri nnifsu illi diga jaf illi huwa msejjah bhala Mikhail Delia din ghandha tinghata priorita sabiex il-minuri ma jithawwadx.

10) Illi wara decizjoni tal-Qorti tal-Familja kif preseduta mill-Imhallef Anthony G. Vella ta' nhar it-28 ta' Frar tas-sena 2020 il-minuri gie ddikjarat illi huwa l-iben biologiku ta' Clayton Delia u ghalhekk il-minuri gie mnizzel bhala Mikhail Delia u dan kif juri c-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Doc B.

11) Illi sabiex tigi evitata illi b′xi mod il-minuri jigi affetwat bl-istat civili skont id-dettami ta' l-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta qed issir din il-Kawza.

12) Illi din hija kawza li qed issir ai termini tal-artikoli 253 et sequitur tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel

talba gudizzjarja ghall-xi korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili jekk il-minuri jilhaq jigi rregistrat bhala Mikhail Delia.

13) Illi ma kien hemm l-ebda nuqqas da parte tal attrici sabiex tirriserva d-dritt taghha illi zzomm Agius bhala kunjom wara l-kunjom missier il-minuri.

14) Illi l-minuri ghandu biss erbgha (4) snin u nofs f'kaz li jintlaqghu t-talbiet kif dedotti l-ebda pregudizzju ma se jkun ikkawzat lil terzi.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess ir-rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1) Tawtorizza illi l-attrici thalli kunjom il-minuri Agius u jizdied mieghu Delia;

2) Tordna il-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-minuri Mikhail Delia sabiex fil-kolonna ntestata m Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha, jizdied il-kunjom 'Agius Delia sabiex b'hekk isem it-tarbija ghandu jidher bhala 'Mikhail Agius Delia'.

3) Tordna li l-istess korrezzjoni ghandha tigi wkoll riflessa f'kull att ta' status civili iehor mahrug fuq l-istess Mikhail Delia, u dan skont l-artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4) Tordna li l-istess korrezzjoni ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, u dan ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku.'.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi in vena preliminari, huwa essenzjali ghall-integrità tal-gudizzju li r-rikorrenti titlob korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawza ai termini tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi l-isem li legalment jappartjeni lil binha huwa Mikhail Delia u mhux Mikhail Agius kif indikat mir-rikorrenti. Inoltre jirrizulta li n-numru tal-karta tal-identità ta' Clayton Delia indikat mir-rikorrenti fl-okkju mhux korrett, u ghalhekk hija mehtiega korrezzjoni f'dan is-sens ukoll;

2. Illi inoltre, f'dan l-istadju mhux car jekk ir-rikorrenti hix qed tagixxi f'isimha biss jew f'isem il-minuri wkoll. F'kaz li jirrizulta li hija qed tagixxi wkoll f'isem il-minuri Mikhail, l-esponent huwa tal-umli fehma illi r-rikorrenti ghandha titlob li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega;

3. Illi bla hsara ghall-premess, la darba qed tintalab korrezzjoni ta' att jew atti tal-istat civili, ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigh tal-kawza odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas hmistax-il gurnata qabel tali smigh;

4. Illi ghal dak li jikkoncerna l-mertu tal-kawza, l-esponent jissottometti illi huwa mhux edott mill-fatti kif gew iddikjarati fir-rikors promotur;

5. Illi mil-Att tat-Twelid tal-minuri Mikhail Delia, innumerat 561/2017, jirrizulta illi huwa twieled fMalta fit-12 ta' Jannar 2017 lir-rikorrenti u lil missier mhux maghruf u li ghalhekk kien indikat fic-certifikat tat-twelid bhala Mikhail Agius. Jidher li eventwalment, l-intimat l-iehor f'dawn il-proceduri, Clayton Delia, istitwixxa proceduri quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex jirrikonoxxi lill-minuri bhala ibnu, u wara li inghatat is-sentenza fil-25 ta' Frar 2021, l-esponent ghamel l-annotazzjoni mehtiega fl-att tat-twelid tal-minuri Mikhail sabiex jirrifletti d-detizjoni tal-Qorti. Ghalhekk huwa palez illi ma sar ebda zball min-naha tad-Direttur intimat;

6. Illi fic-cirkostanzi, l-esponent jiddikjara illi fir-rigward tat-talbiet attrici, jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv illi l-provi prodotti jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi u li jkunu rispettati r-regoli procedurali;

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tal-ewwel tliet talbiet attrici, l-esponent huwa tal-umli fehma illi r-rikorrenti ghandha tirregola ruhha u titlob li ssir id-debita korrezzjoni fit-talbiet taghha, stante illi attwalment kunjom il-minuri Mikhail huwa 'Delia' u mhux Agius' kif indikat minnha;

8. Illi fir-rigward tat-tieni talba attrici, l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, ghalkemm f'cirkostanzi bhal dawk tal-kaz odjern, ikun xieraq illi jkun hemm qbil bejn il-genituri dwar il-kunjom li ghandu jassumi l-minuri;

9. Illi fir-rigward tat-tielet u tar-raba' talba attrici, ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-atti tal-istat civili relattivi ghall-persuna u, fejn ikun hemm, ghall-ulied

u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, liema atti jridu jigu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva taghhom. Illi ghalhekk, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tordna t-tibdil rikjest mir-rikorrenti, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti ghandha tispecifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

10. Illi finalment u bla hsara ghall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni attrici mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas da parti tieghu u ghalhekk m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.'.

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni skont il-ligi a fol. 12 tal-process.

Rat illi fil-verbal datat 19 ta' Mejju, 2022 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat;**

Illi din hija talba minn omm minuri bl-isem ta' Mikhail li twieled nhar it-12 ta' Jannar, 2017 u li ghalhekk llum ghandu ftit aktar minn hames snin. L-omm rikorrenti Claire Agius ssostni li mat-

twelid il-minuri ma kienx rikonoxxut minn missieru u ghalhekk huwa ha kunjom ommu cioe′ dak ta′ Agius. Wara xi snin il-missier iddecieda li jirrikonoxxi lill-minuri permezz tal-procedura tal-ittra ufficcjali u konsegwenti kawza. Ir-rikorrenti ssostni li, ghalkemm hi ma opponietx anzi nfurmat lill-missier intimat Clayton Delia li ma kinitx qed topponi permezz ta′ e-mail hlief li l-minuri jzomm ukoll il-kunjom Agius, dan xorta wahda pproceda bil-kawza. Ir-rikorrenti zzid li minhabba nuqqasijiet da parti tal-Avukati taghha hija spiccat ukoll kontumaci fil-kawza. Jirrizulta li finalment il-Qorti tal-Familja u kif konfermat fl-appell ordnat li missier il-minuri jigi rikonoxxut bhala Clayton Delia u ghalhekk rizultat ta din id-decizjoni l-minuri nbidillu kunjomu minn Agius ghal Delia u dan meta gia′ kellu l-eta′ ta′ erba′ snin u nofs. Ir-rikorrenti ssostni li hija minn dejjem insistiet li kunjom il-minuri ghandu jigi Agius Delia u dan stante li l-minuri li huwa kunjomu Agius u minn dejjem hekk kien maghruf. Ghal din ir-raguni r-rikorrenti ghan-nom taghha u ta′ binha llum Mikhail Delia fethet il-kawza odjerna kontra l-missier Clayton Delia u d-Direttur tar-Registru Pubbliku. Fl-affidavit taghha (a fol. 18) hija tixhed kif isegwi:

> ′Fuq l-importanza tal-kunjom nixtieq nishaq li t-tifel ilu erba′ snin u nofs maghruf fl-iskola u f′postijiet ohra bhala Mikhail u li t-tifel isejjah lilu nnifsu Mikhail Agius. Ghalhekk bhala omm inhoss li ghandhom jigu mehuda inkonsiderazzjoni l-interessi tat-tifel biex ikollu inqas tgerfix u riperkussjonijiet.′

Rat li x-xewqa tal-minuri li jibqa jzomm il-kunjom Agius regghet giet konfermata fix-xiehda tar-rikorrenti datata l-1 ta′ Marzu, 2022. Minn din ix-xhieda johrog ukoll li l-minuri mhux jifhem ghalfejn

minn kunjomu Agius missieru qed jghidlu li issa gie kunjomu Delia.

Rat illi d-Direttur intimat, salv ghal xi eccezzjonijiet preliminari dwar procedura fl-att promotorju, ma oggezzjonax ghat-talba u rrimetta ruhu ghad-decizjoni ta' din il-Qorti.

Da parti tieghu l-intimat l-iehor Clayton Delia, debitament notifikat nhar it-2 ta' Dicembru, 2021, ma prezenta l-ebda risposta fl-atti u gie dikjarat kontumaci nhar il-11 ta' Jannar, 2022. Rat li fil-fatt Clayton Delia naqas milli bi kwalunkwe mod jippartecipa f'dawn il-proceduri.

Rat illi l-eccezzjonijiet ta' natura proceduralі gew debitament sorvolati permezz ta' talbiet ghal korrezzjoni kif kontenuta fis-seduta tal-11 ta' Jannar, 2022 liema talbiet gew milqugha minn din il-Qorti.

Rat il-kopji legali tas-sentenzi tal-Qorti tal-Familja datata 19 ta' April, 2018 a fol. 32 et seq tal-process u tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 25 ta' Frar, 2021. Rat illi effettivament il-kwistjoni tal-kunjom tqajjmet f'dawk il-proceduri izda rizultat tal-kontumacja tar-rikorrenti odjerna l-Qorti ma kelliex wisq ghazla fejn kellha tmur u ghalhekk ordnat li tigi milqugha t-talba tal-missier u l-minuri jigi maghruf bil-kunjom Delia.

Illi din il-Qorti rat li ghalkemm id-decizjoni fil-Qorti tal-Familja dahlet dwar il-punt tal-kunjom u ghamlet referenza ghal-ligi applikabbli, f'dak l-istadju, l-Qorti ghamlet referenza specifika ghal dak li hu permess u mhux permess mil-ligi anki in vista tal-kontumacja tal-omm llum rikorrenti. Din il-Qorti mkien ma rat

analizi dwar dak li hu l-interess suprem tal-minuri koncernat fir-rigward tal-kunjom anki ghaliex probabilment, sa dak il-mument, ebda mill-partijiet ma rrealizzaw li dan il-punt seta jkollu xi mpatt negattiv fuq il-hajja tal-minuri. Illi minn dak li rrizulta lil din il-Qorti fl-atti tal-kaz odjern jirrizulta li wara li giet registrata d-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Familja kif konfermata fl-appell, il-minuri Mikhail inbidillu f'daqqa wahda kunjomu minn Agius ghal Delia. Irrizulta wkoll lil din il-Qorti li din il-bidla f'kunjomu l-minuri ftit li xejn qed jifhem ghalfejn sehhet tant li qieghed ukoll ikollu diskussjonijiet dwarha ma' ommu u ma' missieru fl-eta' tenera ta' hames snin. Jirrizulta wkoll li ma hemm l-ebda dubju li l-minuri, sad-data tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell u anki wara kien u baqa' maghruf bhala Mikhail Agius u mhux Mikhail Delia. Din il-Qorti mill-atti tqis li huwa minnu li l-minuri qed ihossu verament konfuz b'din is-sitwazzjoni nonostante li huwa ta' eta zghira u ghalhekk tqis li mhux fl-ahjar interess tieghu li jithalla jghix f'din il-konfuzjoni u dubju dwar ir-raguni ghalfejn, f'daqqa wahda, tilef kunjom u tawh iehor.

Il-Qorti rat ukoll illi llum il-gurnata l-isfond legali ghall-kunjomijiet li jinghataw lill-minuri u trabi godda li jitwieldu sar ferm anqas iebes u strett minn dak ezistenti precedentement. Il-Qorti tqis li dan jaghmel sens ghaliex applikazzjoni stretta tas-sistema tal-kunjomijiet kienet qed issarraf ruhha f'ugiegh familjari bejn il-genituri u l-ulied u zgur li dan ma jistax jitqies fl-ahjar interess tal-ulied. Illi fuq kollox hadd mill-partijiet ma qieghed jikkontesta f'dan l-istadju li l-minuri huwa iben kemm ir-rikorrenti li kunjomha Agius kif ukoll l-intimat li kunjomu Delia. Ghalhekk il-Qorti ma tarax ghalfejn m'ghandhiex, fl-ahjar interess tal-minuri rikorrent Mikhail, taghti decizjoni li taghmilha l-aktar facli ghall-minuri li jaccetta l-bidla f'kunjomu u dan billi huwa jigi registrat

bil-kunjom li dejjem kellu bhala l-ewwel kunjom u cioe' 'Agius' u wara jizdied dak ta' missieru 'Delia' b'dan li jigi 'Agius Delia'.

Ghaldaqstant in vista ta' dak kollu suespost, l-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif fuq spjegat.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet rimanenti tad-Direttur intimat, li ma gewx sorvolati bil-korrezzjoni fl-atti, sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz u tiprosegwi billi:

1) Tilqa' l-ewwel talba u tordna li flimkien mal-kunjom prezenti tal-minuri Mikhail u cioe' dak ta' 'Delia' jizdied qabel l-istess kunjom il-kunjom 'Agius' sabiex b'hekk il-minuri jigi jismu u kunjomu Mikhail Agius Delia;

2) Tilqa' t-tieni talba u tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-minuri Mikhail Delia bin-numru 561/2017 sabiex fil-kolonna ntestata Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha, jizdied il-kunjom 'Agius' qabel u mal-kunjom 'Delia' sabiex b'hekk isem it-tarbija ghandu jidher bhala 'Mikhail Agius Delia'.

3) Tilqa' t-tielet talba u tordna li l-istess korrezzjoni ghandha tigi wkoll riflessa f'kull att ta' status civili iehor mahrug fuq l-istess Mikhail Delia fil-poter tad-Direttur intimat, u dan skont l-artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4) Tilqa′ r-raba′ talba u tordna li l-istess korrezzjoni ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghal dan il-ghan tordna li d-Direttur jigi notifikat b′din id-decizjoni.

Fic-cirkustanzi izda l-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti stess.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**31 ta′ Mejju, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**31 ta′ Mejju, 2022**